MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2006

Numru 634/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**MARIO CASSAR**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Cassar, ta' 30 sena, bin Lawrence u Carmen nee' Micallef, imwieled tal-Pieta' nhar is-17 ta' Settembru, 1975, residenti fil-fond numru 25, Block 1, Fuq San Pawl, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 441275 (M);

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Gunju, 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, d'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risooluzzjoni wahda:

1. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar minn Lm4,000.00 (erbat elef lira maltin), ghad-dannu ta’ Metalco Ltd, Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Fenech, Bank of Valletta plc, u diversi persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien, lokalitajiet, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ cekkijiet u ta’ cwievet li jappartjenu lil Metalco Ltd, liema serq sar ghad-dannu ta’ l-imsemmija Metalco Ltd, u ta’ Charles Cremona, Paul Cremona, u Raymond Fenech, liema serq li huwa kkwalifikat bil-hin, ma jaqbizx il-hames liri maltin (Lm5.00), u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess zmien, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, jew mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom, jew imexxiehom, liema oggetti gejjin mir-reat ta’ serq, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess zmien, iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor, imwaqqaf jew maghruf b’xi att pubbliku tal-Gvern u cioe’ cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, li jappartjenu lil Metalco Ltd, kfi ukoll talli xjentement ghamel uzu minnhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 167, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. U aktar talli fl-istess zmien, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, li jappartjenu lil Metalco Ltd, billi holoq pattijiet disposizzjonijiet, jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti gew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw; u kif ukoll talli ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 18 u 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikolu 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 18, 167, u 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikoli 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Mario Cassar hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija, sospizi ghal erba' (4) snin, taht supervizjoni, *ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------